MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 35/2007/1

**Tereza Camilleri**

**v.**

**Registratur taz-Zwigijiet**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari u sentenza appellata</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali u

"konvenzjonali" taghha, fis-16 ta' Dicembru 2008 li fil-parti decizjonali taghha tghid hekk:

"Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat Registratur taz-Zwigijiet tichad it-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors taghha datat 30 ta' Mejju 2007, stante li hija naqset illi tezawrixxi r-rimedju ordinarju spettanti lilha skond l-Artikolu 8 subartikolu 2 tal-Att dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

**2.** Permezz ta' rikors presentat fit-30 ta' Mejju 2007 Tereza Camilleri bazikament ippremettiet illi hija cittadina Maltija u tghix (tikkoabita) ma' Ahmed Kamel Mohammed el Azeb, li hu cittadin Egizzjan. Tghid illi *"wara l-annullament taz-zwieg taghha hija marret l-ufficcju tar-Registratur taz-Zwigijiet [u] ghalkemm wrew li kellhom id-dokumenti mehtiega mil-ligi kollha fl-ordni, l-istess Registratur irrifjuta li jkompli bit-tnidijiet ghaliex insista li jkun hemm certifikat li l-gharus taghha jista' joqghod Malta u kellu viza regolari."* Illi hija fissret li dawn id-dokumenti ma kienux mehtiega skond il-ligi u li r-Registratur ma kellux diskrezzjoni li jirrifjuta li jipprocedi bit-tnidijiet. Ghalkemm ghamlu xi dokumenti ohra li huma kienu mitluba jaghmlu, l-imsemmi Registratur xorta wahda baqa' ma pprocediex bit-tnidijiet. Ir-rikorrenti fissret li hi *"m'ghandhiex rimedju effettiv u effikaci, u fuq kollox mghaggel bizzejjed biex iggieghel lir-Registratur jottempera ruhhu mal-ligi"*, u li l-Artikolu 469A – li jipprovdi ghal *judicial review* – ma kienx rimedju effettiv ghax b'dik l-azzjoni r-Registratur ma setax *"jigi mgieghel"* jottempera ruhu mal-ligi. Kompliet tghid ir-rikorrenti – appellanti issa f'din l-istanza – li l-agir tar-Registratur taz-Zwigijiet[1] illeda d-drittijiet taghha kif protetti bl-Artikoli 12 [2] u 8 [3] tal-Konvenzjoni Ewropea. Wara li affermat li *"apparti l-kwestjoni tar-rimedju l-kostatazzjoni tal-ksur tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem tista' taghmilha biss il-Prim Awla u wara l-Qorti Kostituzzjonali,*

[1] Ghall-precizjoni, il-ligi, fil-Kap. 255, titkellem dwar Registratur taz-Zwieg u mhux Registratur taz-Zwigijiet.
[2] Id-dritt li persuna tizzewweg u li jkollha familja.
[3] Id-dritt ghar-rispett ghall-hajja privata u tal-familja.

*u jekk tali ksur diga` sehh, allura ma hemmx triq ohra hlief din"*, ir-rikorrenti Camilleri talbet li l-Prim Awla joghgobha:

"(**1**) tiddikjara li l-agir ta' l-intimat jikser l-Artikoli 10 [4] u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, (**2**) taghti rimedju effettiv halli jissana tali vjolazzjonijiet, inkluz dawk ir-rimedji anke ta' natura provisorja waqt is-smigh tal-kawza, u taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha li jaghmlu ghall-kaz ghat-twettiq tad-dikjarazzjoni taghha fuq l-ewwel talba, (**3**) taghti kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet lamentati, specjalment dawk kawzati direttament minhabba l-agir tal-intimat, u danni morali skond il-ligi."

**3.** Bir-risposta tieghu tal-4 ta' Gunju 2007 [5], ir-Registratur taz-Zwigijiet wiegeb preliminarjament illi galadarba r-rikorrenti kienet qed tallega li hu kien qed jirrifjuta li johrog it-tnidijiet kien hemm rimedju ordinarju ghall-allegata vjolazzjoni ta' dritt fondamentali, u li ghalhekk dik il-Qorti kellha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni tat-talba konformement ma' dak li jipprovdi l-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Fil-meritu, huwa eccepixxa li t-talbiet tar-rikorrenti Camilleri kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghadda biex jispjega dettaljatament ghala kienu hekk infondati.

**4.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni aktar 'l fuq riportata wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-Qorti tara illi r-rikorrenti ghagglet wisq meta ipprezentat ir-rikors odjern. Irrizulta bl-aktar mod car illi r-Registratur taz-Zwigijiet irrifjuta illi jkompli bit-tnidijiet peress illi l-gharus taghha ma kellux il-viza u effettivament fir-rikors taghha inter alia r-rikorrenti qeghda titlob illi l-Qorti tordna lir-Registratur taz-Zwigijiet johrog it-tnidijiet taz-zwieg.

"Ikkunsidrat:

[4] L-Artikolu 10 jitkellem dwar id-dritt ghal-liberta` ta' espressjoni. Presumibbilment hawn ir-rikorrenti riedet tirreferi ghall-Artikolu 12. Minkejja disa` udjenzi quddiem il-Prim Awla (mhux maghduda l-udjenza li fiha nghatat is-sentenza), ir-rikorrenti qatt ma talbet korrezzjoni fit-talba taghha.
[5] Fol. 12 tal-atti.

“Illi f’dan ir-rigward il-Qorti rat l-Artikolu 8 (2) tal-Att dwar iz-Zwieg tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta illi jghid hekk:

“F’kull kaz bhal dan, kull wahda mill-persuni li tkun ser tizzewweg tista’ taghmel rikors fil-qorti kompetenti ta’ gurisdizzjoni volontarja sabiex jinghata ordni lir-Registratur biex jippubblika t-tnidijiet jew biex johrog certifikat tal-pubblikazzjoni taghhom, skond il-kaz, u l-qorti tista, wara li tkun semghet lir-rikorrent u lir-Registratur, taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, u r-Registratur ghandu jimxi skond kull ordni bhal dak”.

“Illi ghalhekk il-Qorti tara illi kien jezisti rimedju ordinarju; liema rimedju kien effettiv u effikaci u li r-rikorrenti setghet uzat wara r-rifjut mir-Registratur taz-Zwigijiet li jippubblika t-tnidijiet sabiex hija tkun tista tizzewweg.

“Ikkunsidrat:

“Illi d-dritt ta’ access ghal Qorti ta’ gurisdizzjoni kostituzzjonali mhux awtomatiku izda huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti quddiem liema jkun gie intavolat l-ilment.

“Illi b’referenza ghall-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (2) ta’ l-Att XIV ta’ l-1987, il-ligi tghid hekk:

“Izda l-Qorti tista jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta illi mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja ohra.”

“Illi kif diga` intqal il-Qorti hija sodisfatta illi kienu jezistu mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-allegat ksur illi tilmenta minnu r-rikorrenti, peress illi tezisti procedura ad hoc sabiex persuna illi thossha aggravata minn decizjoni tar-Registratur taz-Zwigijiet illi jirrifjuta li jippublika t-tnidijiet taz-Zwieg, u din il-procedura hija kontemplata fl-Artikolu 8 subartikolu 2 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi dan ir-rimedju kien wiehed effettiv fis-sens illi kien ukoll accessibbli ghar-rikorrenti.

“Illi f’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-principipji sottolinejati mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ta’ Strasbourg fil-kaz Cyprus vs Turkey 2001/1V fejn il-Qorti qalet hekk:

“The Court further recalls that, in the area of the exhaustion of domestic remedies, there is a distribution of the burden of proof. In the context of the instant case, it is incumbent on the respondent Government claiming non-exhaustion to satisfy the Court that the remedy was an effective one available in theory and in practice at the relevant time, that is to say, that it was accessible, was one which was capable of providing redress in respect of the aggrieved individuals' complaints and offered reasonable prospects of success.”

“Illi stabbiliti dawn il-kriterji l-Qorti tara illi r-rimedju illi jofri il-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa wiehed effettiv, accessibbli, kif ukoll effikaci.”

**L-appell**

**5.** Tereza Camilleri appellat minn din is-sentenza, u dan permezz ta’ rikors prezentat fit-23 ta’ Dicembru 2008. L-aggravju bazikament jikkonsisti filli, galadarba kien hemm talba specifika ghal dikjarazzjoni ta’ vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha, tali talba setghet biss tintlaqa’ fil-kuntest ta’ kawza kostituzzjonali. B’mod retoriku l-appellanti tistaqsi *“Jista’ wiehed jitlob dikjarazzjoni [ta’ ksur tad-drittijiet fondamentali] minghajr ma jitlob rimedju? Ir-risposta hija ovvja u tohrog mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea.”* L-appellanti ghalhekk talbet li s-sentenza appellata tigi revokata u li minflok jintlaqghu t-talbiet taghha.

**6.** Fir-rispsota tieghu l-appellat Registratur taz-Zwigijiet bazikament fisser li s-sentenza tal-ewwel Qorti kienet korretta ghax kien hemm rimedju effikaci w effettiv ghall-

ksur tad-drittijiet kif allegat mill-appellanti. Huwa jippreciza wkoll illi *"…r-rikorrenti ma tistax tilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali taghha sa minn qabel ma tkun fittxet rimedju ordinarju ghas-sitwazzjoni li tkun tat lok ghal tali allegat ksur, ghax inkella l-iskop kollu tal-possibilita` ta' deklin mill-Qorti jispicca fix-xejn u ebda Qorti ma tkun tista' effettivament tiddeklina milli tisma' kaz."*

**7.** L-appell gie trattat fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2009.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**8.** Din il-Qorti tqis li dana l-appell jirrazenta l-fieragh. Mhux ser tiddikjarah kompletament fieragh ghax, kif ser jintwera, ser ikun hemm bzonn ta' riforma fis-sentenza appellata.

**9.** Din il-Qorti terga' ttenni – *repetita iuvant* – illi meta l-Ewwel Qorti (cioe` l-Prim Awla) jew din il-Qorti (Qorti Kostituzzjonali) tkun sodisfatta li r-rikorrent kellu (jew kellha) "mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat" liema mezzi "huma jew kienu disponibbli skond xi ligi [ordinarja][6] ohra", il-Qorti "tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" tirrifjuta ossia tiddeklina li tezercita s-setghat taghha skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-posizzjoni, kif inhu risaput, hi identika taht l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Issa, kull kawza kostituzzjonali ssir biex min jaghmilha jitlob rimedju effettiv ghall-ksur allegat – ksur li jista' jkun diga` avvera ruhu, jew li jkun qed isehh, jew li x'aktarx ikun ser isehh – u mhux semplicement biex ikollu dikjarazzjoni ta' ksur u jpoggiha fi gwarnic. Huwa minnu li f'certi cirkostanzi huwa possibbli li wiehed jirravviza s-semplici dikjarazzjoni li kien hemm lezjoni ta' dritt fondamentali bhala rimedju sufficjenti fil-kaz partikolari li jkun. Dan, pero`, certament ma hux il-kaz odjern. Infatti, it-talbiet tar-rikorrenti appellanti Tereza Camilleri, kif migjuba fir-rikors promotorju taghha tat-30 ta' Mejju 2007, huma principalment indirizzati biex hija tkun tista' tizzewweg. U dan huwa ir-rimedju veru f'dan il-kaz, assumendo li kien

[6] Il-Kostituzzjoni ssemmi "ligi ohra"; il-Kap. 319, ghal ragunijiet ovvji, jitkellem dwar "ligi ordinarja ohra".

hemm il-vjolazzjonijiet allegati – li hija tithalla tizzewweg, u ghalhekk li jinhargu t-tnidijiet u ssir il-procedura skond il-ligi. Wara kollox f'kawza kostituzzjonali (inkluza kawza li ssir skond il-Kap. 319) il-Qorti – il-Prim Awla u, jekk ikun hemm appell, din il-Qorti – ma hix marbuta bit-talbiet tar-rikorrent ghal dak li huwa rimedju, tant li r-regola 3(2) tar-Regoli Dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qorti u l-Bon-Ordni (A.L. 279/2008) ghalkemm tirrikjedi li r-rikors ghandu jispecifika fih ir-rimedju mitlub mir-rikorrent, tkompli tipprovdi: "Izda l-qorti tkun tista', jekk ir-rikors jigi milqugh, taghti kull rimedju iehor fil-gurisdizzjoni taghha li tkun tqis bhala aktar xieraq" (sottolinear ta' din il-Qorti)[7].

**10.** Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-27 ta' Frar 2003 fil-kawza fl-ismijiet **John Sammut v. Awtorita` ta' l-Ippjanar et**:

"Il-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak "kostituzzjonali" wara procedura skond is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew id-disposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens[8]. In fatti dana l-proviso addirittura jippostula ksur tad-drittijiet fondamentali (*"…ghall-ksur allegat…"*) izda li minkejja dan *"…mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skond xi ligi…ohra…"* favur il-vittma.

"Kif din il-Qorti – u anke il-Prim Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha – kellha okkazjoni li tfisser diversi drabi, l-applikazzjoni o meno ta' dan il-proviso hu fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Pero` bhal kull diskrezzjoni, din

[7] "More appropriate", fit-test Ingliz. L-istess kienet tipprovdi r-regola analoga tar-regolamenti fis-sehh meta gie intavolat ir-rikors promotorju.

[8] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et.***; kif ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti – dejjem diversament komposta – tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet ***Teddy Rapa v. Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar et***.

ghandha tigi ezercitata b'mod korrett u tkun diretta ghall-iskop li ried jilhaq il-legislatur. Il-legislatur ma riedx li jsiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn; mill-banda l-ohra dan il-proviso m'ghandux jintuza biex cittadin jigi impedut milli jippromwovi azzjonijiet kostituzzjonali meta jidher *prima facie* li ghandu kaz serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni taht l-imsemmi proviso ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja, biex min-naha l-wahda il-Prim Awla u din il-Qorti ma jigux inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra jew li ghalihom ikun hemm altrimenti rimedju effettiv taht xi ligi ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319[9]."

**11.** Issir referenza wkoll ghas-segwenti sentenzi: **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u *Expatriate Affairs*** Prim Awla 30/6/2004 (finalment deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16/1/2006); **Melita Cable p.l.c. v. L-Avukat Generali et** Qorti Kostituzzjonali 16/1/2006; **Mary Green et v. Avukat Generali et** Qorti Kostituzzjonali 13/4/2007; **John Mary Chircop v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** Qorti Kostituzzjonali 7/9/2007; u **Angelo Xuereb et v. Direttur tax-Xogholijiet et** Qorti Kostituzzjonali 27/2/2009.

**12.** Fil-kaz in dizamina, kif inghad, dak li trid l-appellanti hu li tithalla tizzewweg. F'dan ir-rigward hija kellha mezz xieraq ta' rimedju ghall-ksur minnha vantat fil-procedura traccjata fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 255 li fis-sustanza jipprovdi li meta l-appellat Registratur taz-Zwigijiet ghal xi raguni jirrifjuta li jghaddi ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet, kull wahda mill-partijiet li tkun ser tizzewweg tkun tista' taghmel rikors fis-Sekond Awla u, jekk dik il-Qorti ssib li r-Registratur ma jkunx gustifikat skond il-ligi fir-rifjut tieghu, tordnalu jippubblika t-tnidijiet; inoltre, kif jipprovdi s-subartikolu (2) imsemmi, *"[dik] il-qorti*

[9] Ara ***Alfred Balzan v. Onor. Prim Ministru et*** Q.K. 15/1/91, Tonio ***Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** Q.K. 5/4/91, ***Joseph Briffa v. Kummissarju tal-Pulizija*** Q.K. 14/6/95.

*tista', wara li tkun semghet lir-rikorrent u lir-Registratur, taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, u r-Registratur ghandu jimxi skond kull ordni bhal dak"*. Din il-Qorti ma tista' tara ebda raguni ghala din il-procedura, assumendo li r-Registratur taz-Zwigijiet ma kienx intitolat li jinsisti fuq il-viza ta' zewgha, ma kienitx tista' taghti rimedju effettiv u effikaci ghall-ksur vantat mill-appellanti. Anqas tista' tilmenta l-appellanti li dan ir-rimedju mhux wiehed "mghaggel bizzejjed" – il-procedura quddiem is-Sekond Awla hija wahda informali ghall-ahhar u, salv l-imprevist jew li l-avukat tar-rikorrent ma jidhirx ghall-udjenzi, l-ezitu ikun maghruf ferm aktar malajr milli meta tinfetah kawza fil-Prim Awla.

**13.** Fejn din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti – u ghalhekk inghad aktar 'l fuq li hemm bzonn ta' riforma fis-sentenza – hu in kwantu dik il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti Tereza Camilleri. Galadarba il-Prim Awla kienet qed tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha skond il-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319, hija kellha semplicement tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju u tiddikjara li ma kienitx ser tezercita s-setghat taghha, biex b'hekk il-meritu jibqa' impregudikat fl-ipotesi li "l-mezz xieraq ta' rimedju ravvizat" ma jkunx issodisfa lir-rikorrenti. Bid-*decide* tal-Prim Awla kif konfezzjonat, il-kawza giet deciza fil-meritu minghajr ma l-meritu gie ezaminat!

## <u>Decide</u>

**14.** Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tar-Registratur taz-Zwigijiet kif ukoll in kwantu ddecidiet li r-rikorrenti Tereza Camilleri kellha mezz xieraq ta' rimedju ghall-ksur minnha allegat skond l-Artikolu 8(2) tal-Kap. 255, thassarha u tirriformaha in kwantu "cahdet it-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors taghha tat-30 ta' Mejju 2007", u minflok, filwaqt li tillibera lir-Registratur taz-Zwigijiet mill-osservanza tal-gudizzju, tiddikjara li kemm il-Prim Awla kif ukoll din il-Qorti qed jiddeklinaw milli jezercitaw is-setghat taghhom skond is-subartikolu (2) tal-Artkolu 4 tal-Kap. 319 ghar-raguni gja

msemmija, u cioe` peress li l-appellanti kellha mezz xieraq ta’ rimedju taht ligi ordinarja ohra ghall-ksur minnha allegat. L-ispejjez, kemm tal-ewwel kif ukoll ta’ din l-istanza jithallsu mill-appellanti Tereza Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------